Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 15 ta' Ottubru 2026**
**(OR. en)**

**14386/26**

**SOC 656**
**ANTIDISCRIM 93**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 14191/1/26 REV 1 |
| Suġġett: | Abbozz ta’ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ugwaljanza bħala mutur għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività fl-UE |

1. Il-Presidenza ppreżentat sett ta' abbozzi ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-Ugwaljanza bħala mutur għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività fl-UE."

2. Il-Konklużjonijiet ġew eżaminati mill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali fil-laqgħat tiegħu tat-3 ta' Lulju, l-24 ta' Lulju, is-7 ta' Settembru u l-25 ta' Settembru 2026.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti eżamina t-test fil-laqgħat tiegħu tas-7 u l-14 ta' Ottubru 2026.

4. Wara aktar kuntatti, il-Presidenza tifhem li ntlaħaq qbil fil-prinċipju dwar l-abbozz ta' test kif jinsab fl-Anness ta' din in-nota.[1] F'dan il-kuntest, il-Kunsill (EPSCO) mistieden japprova l-abbozz ta' Konklużjonijiet kif jinsab fl-Anness ta' dan id-dokument fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Ottubru 2026.

[1] Il-paragrafi ġew innumerati mill-ġdid b'mod sekwenzjali.

ANNESS

**Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar**
**l-Ugwaljanza bħala mutur għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività fl-UE**

**FILWAQT LI JFAKKAR LI:**

1. L-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni huma valuri fundaturi tal-Unjoni Ewropea kif minquxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

2. Fil-qafas tal-għan iddikjarat tagħha li tibni Unjoni tal-Ugwaljanza, il-Kummissjoni fasslet strateġiji mmirati lejn il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, l-eliminazzjoni tal-ostakli għall-parteċipazzjoni u t-trawwim tal-ugwaljanza u l-inklużjoni. L-UE adottat ukoll qafas komprensiv ta' atti leġiżlattivi li jippromwovu l-ugwaljanza u jipprojbixxu d-diskriminazzjoni.

3. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Pjan ta' Azzjoni assoċjat jidentifikaw il-prinċipji ta' opportunitajiet indaqs, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-prevenzjoni tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità u l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC) ta' kwalità u affordabbli bħala pedamenti tal-kompetittività u mudell ta' tkabbir sostenibbli u inklużiv. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tat-22 ta' Lulju 2026 tidentifika l-inugwaljanzi, l-ekwità u l-opportunitajiet indaqs bħala **oqsma** ta' prijorità għal azzjoni ulterjuri u tissottolinja li l-inugwaljanzi persistenti jikkostitwixxu ostakli strutturali għall-koeżjoni, ir-reżiljenza, l-innovazzjoni u l-kompetittività tal-Unjoni.

4. L-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Faqar u l-Garanzija Ewropea għat-Tfal imsaħħa jenfasizzaw li l-kost tan-nuqqas ta' azzjoni biex jiġi miġġieled il-faqar huwa sinifikanti u multidimensjonali. Il-faqar jimmina l-koeżjoni soċjali, il-benesseri tat-tfal u l-opportunitajiet indaqs, idgħajjef id-demokrazija u jżomm il-potenzjal ekonomiku tal-Ewropa lura. Dan jikkontribwixxi wkoll għat-trażmissjoni interġenerazzjonali tal-iżvantaġġi. Il-preġudizzju u l-istigma jistgħu jpoġġu lil gruppi speċifiċi fi żvantaġġ mill-bidu nett u matul il-ħajja. In-nisa, it-tfal u l-gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli huma aktar f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali minn oħrajn.

5. L-Istrateġija tal-Kummissjoni biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-Unjoni Ewropea 2020-2030 ittenni l-impenn li jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri japplikaw il-Karta fil-potenzjal sħiħ tagħha.

6. Il-Boxxla għall-Kompetittività tal-UE tal-Kummissjoni, il-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet u l-Pjan Direzzjonali għal Impjiegi ta' Kwalità (li jwitti t-triq għal Att dwar l-Impjiegi ta' Kwalità futur) jenfasizzaw li s-saħħa kompetittiva tal-Ewropa tinsab fin-nies tagħha. Il-Boxxla għall-Kompetittività tinnota li huwa essenzjali li jinħolqu kundizzjonijiet li permezz tagħhom kulħadd ikollu prospett ugwali ta' suċċess. Hija tirrikonoxxi ostakli multipli u diversi biex persuna tidħol u tibqa' fis-suq tax-xogħol, li huma ffaċċati min-nisa, iż-żgħażagħ u ċ-ċittadini akbar fl-età li jixtiequ jibqgħu ekonomikament attivi, kif ukoll minn persuni b'diżabilità u gruppi oħra sottorappreżentati.

7. Ir-Rapport ta' Livell Għoli dwar il-Futur tas-Suq Uniku ta' Enrico Letta u r-Rapport dwar il-Kompetittività Ewropea ta' Mario Draghi jenfasizzaw li l-pedamenti soċjali, il-bażi tal-ħiliet u l-inklużjoni tat-talenti kollha tal-Ewropa qed isawru dejjem aktar is-saħħa ekonomika tagħha. Ir-Rapport ta' Draghi jissottolinja li l-isforzi tal-UE biex ittejjeb il-vantaġġ kompetittiv tagħha jeħtieġ li jkunu ggwidati mill-valuri Ewropej, li għandhom jissaħħu aktar bl-azzjoni tagħha. Filwaqt li jinnota li d-diskriminazzjoni persistenti li jiffaċċaw gruppi speċifiċi, kemm jekk minħabba l-ġeneru, id-diżabilità, l-etniċità, jew fatturi oħra, ixxekkel il-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fis-Suq Uniku u timmina l-wegħda ta' opportunità għal kulħadd, ir-Rapport ta' Letta jappella għal azzjonijiet immirati, finanzjament imġedded, u monitoraġġ metikoluż biex jitneħħew l-ostakli sistemiċi. Il-Pjan Direzzjonali Ewropa Waħda, Suq Wieħed, iffirmat mill-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew, jipprovdi pjan ta' azzjoni biex jinkiseb progress deċiżiv fit-tisħiħ tal-kompetittività Ewropea.

**FILWAQT LI JIRRIKONOXXI LI:**

8. It-tisħiħ tal-kompetittività, is-sostenibbiltà u l-produttività huwa vitali għall-perspettivi ekonomiċi tal-Unjoni Ewropea.

9. Is-sejbiet tar-rapport tal-2025 dwar l-Impjiegi u l-Iżviluppi Soċjali fl-Ewropa (ESDE)[2] jindikaw li madwar 51 miljun persuna fl-età tax-xogħol għadhom barra mis-suq tax-xogħol, inkluż madwar 32 miljun mara.

10. Id-diskriminazzjoni u l-inugwaljanzi, inkluż l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri, għadhom joħolqu ostakli strutturali għall-parteċipazzjoni sħiħa, ugwali u sinifikattiva fis-suq tax-xogħol. L-isfruttar tal-potenzjal tal-popolazzjoni kollha, inkluż billi jiġi żgurat li kulħadd ikollu opportunitajiet indaqs biex jipparteċipa bis-sħiħ fil-ħajja ekonomika, politika, kulturali u soċjali, ser jikkontribwixxi għall-bini ta' soċjetà aktar kompetittiva, inklużiva u koeżiva, u b'hekk tissaħħaħ ir-reżiljenza demokratika.

---

2 Employment and Social Developments in Europe 2025 - Employment, Social Affairs and Inclusion

**L-Ugwaljanza bħala Faċilitatur għall-Kompetittività**

11. In-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza, inkluż l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, mhumiex biss kruċjali għar-realizzazzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha iżda wkoll bħala faċilitaturi ekonomiċi essenzjali li qed jikkontribwixxu direttament għal żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, għall-produttività u għall-innovazzjoni. Meta n-nies jiffaċċaw ostakli għall-impjieg, it-tmexxija, l-intraprenditorija jew l-iżvilupp tal-ħiliet, l-ekonomiji jonqsu milli jagħmlu użu sħiħ mill-kapital uman disponibbli. Billi trawwem forza tax-xogħol diversa u tiżgura li kulħadd ikollu opportunitajiet indaqs biex jiżviluppa l-ħiliet tiegħu u jilħaq il-potenzjal tiegħu, l-Unjoni Ewropea ssarraf il-valuri tagħha f'vantaġġ kompetittiv.

12. Skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, b'mod speċifiku l-Artikolu 21, "Kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età, jew l-orjentazzjoni sesswali għandha tkun projbita." Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) ipprovdiet ukoll każistika li tinterpreta dawn ir-raġunijiet ta' diskriminazzjoni. L-eżistenza ta' diskriminazzjoni, kif ukoll id-diversi raġunijiet li fuqhom tista' tiġi esperjenzata, inkluż il-karatteristiċi inklużi f'dawk ir-raġunijiet, spiss ġew innotati mill-Kunsill. Barra minn hekk, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u l-Eurofound innotaw jew iddokumentaw l-eżistenza ta' diskriminazzjoni fl-UE skont dawn ir-raġunijiet, inkluż id-diskriminazzjoni bbażata fuq karatteristiċi bħall-identità tal-ġeneru.

13. L-OECD[3] uriet li d-diskriminazzjoni abbażi tal-etniċità, ir-razza, ir-reliġjon, id-diżabilità, l-età, l-orjentazzjoni sesswali, u l-identità tal-ġeneru timponi kostijiet personali, soċjali u ekonomiċi sinifikanti u xxekkel l-ugwaljanza tal-opportunitajiet inkluż billi

a. iddgħajjef il-potenzjal ekonomiku u l-koeżjoni soċjali billi taffettwa b'mod negattiv l-impjiegi, l-introjtu, il-livell edukattiv milħuq, il-parteċipazzjoni politika u ċivika u s-saħħa[4], u

b. toħloq sfidi għall-gvern li jirriżultaw minn żieda fin-nefqa pubblika, inkluż fuq il-forniment ta' servizzi bħall-kura tas-saħħa, il-kura fit-tul u l-appoġġ soċjali, kif ukoll dħul mitluf li jirriżulta mill-effett multiplikatur ta' pagi aktar baxxi fuq il-konsum u d-dħul mit-taxxa.

14. Min-naħa l-oħra, il-promozzjoni tal-ugwaljanza ssaħħaħ il-koeżjoni soċjali, filwaqt li tiġġenera benefiċċji ekonomiċi[5]. Pereżempju, id-data tal-OECD turi li t-titjib fl-ugwaljanza fl-introjtu jagħti spinta lit-tkabbir tal-PDG fit-tul.[6]

15. Fl-isforz biex jinbena approċċ ibbażat fuq l-evidenza biex tiżdied il-kompetittività, it-tfassil u t-twettiq ta' politiki li joffru opportunitajiet indaqs għal kulħadd jistgħu jittejbu billi d-data kollha disponibbli tintuża b'mod effettiv u billi jittejbu l-ġbir, l-ipproċessar, id-diżaggregazzjoni u l-analiżi tad-data fir-rigward tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, inkluż billi titqies id-diskriminazzjoni intersezzjonali u billi jittejjeb l-aċċess għad-data amministrattiva. L-intelliġenza tas-suq tax-xogħol u t-tbassir tal-ħiliet jistgħu jipprovdu wkoll għarfien importanti.

---

[3] OECD, Combatting Discrimination in the European Union, 2025

[4] OECD, Combatting Discrimination in the European Union, 2025

[5] Is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (2023), Increasing European added value in an age of global challenges, Mapping the cost of non Europe (2022-2032), EPRS_STU(2023)734690_EN.pdf

[6] OECD (2015), In It Together: Why Less Inequality Benefits All, OECD Publishing

16.[7] L-inugwaljanzi persistenti, kemm fl-aċċess għall-edukazzjoni kif ukoll fl-eżiti tat-tagħlim fil-livelli kollha, joħolqu r-riskju li jiġu kkonsolidati l-iżvantaġġi bejn il-ġenerazzjonijiet, tiddgħajjef il-koeżjoni soċjali u jitnaqqas il-potenzjal ekonomiku fit-tul tal-Ewropa billi dawn jillimitaw l-opportunitajiet tal-individwi biex jipparteċipaw bis-sħiħ, b'mod ugwali u sinifikattiv fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol. Politiki nazzjonali mmirati dwar l-edukazzjoni u trasferimenti soċjali adegwati huma essenzjali biex jiġu indirizzati dawn l-inugwaljanzi.

**17. Fil-qasam tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri,**

a. Għalkemm sar xi progress matul l-aħħar għaxar snin, in-nisa għadhom jesperjenzaw pagi u rati ta' impjieg aktar baxxi mill-irġiel u għadhom sottorappreżentati b'mod sinifikanti f'pożizzjonijiet ta' tmexxija u teħid ta' deċiżjonijiet, inkluż fil-politika. L-isfruttar tal-potenzjal tan-nisa kollha bħala ħaddiema, intraprendituri u mexxejja huwa imperattiv għat-tkabbir ekonomiku tal-UE. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri fi rwoli ta' tmexxija korporattiva hija assoċjata ma' prestazzjoni aktar b'saħħitha tal-kumpaniji.[8] Jista' jkollha wkoll impatti ta' benefiċċju fuq ir-reżiljenza tal-ekonomiji b'rispons għal bidliet strutturali, bħat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali.[9]

b. Titjib sostanzjali fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri jista' jiġġenera sa 10.5 miljun impjieg u jgħolli r-rata ta' impjieg tal-UE għal 80 % sal-2050.[10] Minbarra li tissodisfa l-imperattiv li titrawwem l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala dritt fundamentali, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri tirrappreżenta prerekwiżit għat-tkabbir sostenibbli, ir-reżiljenza demokratika u l-kompetittività fit-tul. Tabilħaqq, huwa investiment b'rendiment għoli, bil-potenzjal li jżid il-PDG per capita tal-UE sa 9.6 %, ekwivalenti għal EUR 3.15 triljun sal-2050.

---

7 Ara r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar it-tieni ċiklu tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (2026-2030).

8 Ara pereżempju S&P Global. (2019). Although Still Underrepresented, Women in C-suite are Driving Profitability

9 Il-Kummissjoni Ewropea (2022), The Macro Economic Benefits of Gender Equality, Anne Kingma u Anneleen Vandeplas, Economic Brief 071, Marzu 2022

10 Ara l-paġna web tal-EIGE bl-isem Economic Benefits of Gender Equality in the European Union | European Institute for Gender Equality

c. Sabiex jiġu indirizzati d-differenzi u l-inugwaljanzi persistenti bejn il-ġeneri, fl-2025, il-Kummissjoni Ewropea adottat il-Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa, kif ukoll id-Dikjarazzjoni ta' prinċipji għal soċjetà ugwali bejn il-ġeneri li takkumpanjah, li ġiet approvata mill-Istati Membri kollha. L-Istrateġija tal-Kummissjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2026-2030 tiddeskrivi azzjonijiet għall-implimentazzjoni tat-tmien prinċipji tal-Pjan Direzzjonali.

d. It-tnaqqis fid-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi,[11] fis-sigħat tax-xogħol,[12] fil-pagi[13] u fil-pensjonijiet[14], li jirrikjedi li jiġu indirizzati l-fatturi strutturali bħad-distribuzzjoni inugwali ta' indukrar u appoġġ mhux imħallsa, l-istereotipi marbuta mal-ġeneru, is-segregazzjoni okkupazzjonali u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru kontra n-nisa, huwa essenzjali għall-bini ta' ekonomija aktar ekwa, għall-iżgurar tal-indipendenza ekonomika tul il-ħajja u l-awtosuffiċjenza għan-nisa, għall-protezzjoni ta' gruppi f'riskju akbar ta' faqar tul il-ħajja u għall-qerda tal-faqar. Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, pereżempju, hija partikolarment evidenti għal gruppi bħall-ommijiet (b'mod partikolari l-ommijiet waħedhom), in-nisa li jindukraw lil qraba akbar fl-età, in-nisa b'responsabbiltajiet doppji ta' kura, in-nisa akbar fl-età, in-nisa migranti, in-nisa li jiffaċċaw diskriminazzjoni etnika u razzjali (inkluż in-nisa Rom[15]), in-nisa b'diżabilità, u n-nisa f'żoni rurali u fir-reġjuni ultraperiferiċi. Id-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet hija influwenzata minn interruzzjonijiet fil-karriera marbuta mar-responsabbiltajiet ta' indukrar u x-xogħol part-time. Din id-differenza twassal biex in-nisa akbar fl-età jkollhom pensjonijiet aktar baxxi u jiffaċċaw riskju ogħla ta' faqar mill-irġiel.

---

11 Ir-rata ta' impjieg tal-UE għall-irġiel fl-età tax-xogħol fl-2024 qabżet dik tan-nisa b'10.0 punti perċentwali. Ara l-paġna web tal-Eurostat bl-isem Gender statistics - Statistics Explained - Eurostat

12 OECD, Gender Equality and Economic Growth: Past progress and future potential, OECD Social, Employment and Migration Working Papers Nru 304, 2024

13 Id-differenza medja fil-pagi bejn il-ġeneri fl-UE hija ta' 11.1 %. Ara l-paġna web tal-Eurostat bl-isem Gender pay gap statistics - Statistics Explained - Eurostat (2024)

14 Id-differenza medja fil-pensjonijiet bejn il-ġeneri fl-UE hija ta' 24.5 %. Ara l-paġna web tal-Eurostat bl-isem Women's pension 25 % lower than men's in 2024 - News articles - Eurostat

15 B'rikonoxximent tad-diversità li teżisti fost ir-Rom, it-terminu "Rom" jintuża bħala terminu ġeneriku biex jirreferi għal għadd ta' gruppi differenti ta' oriġini Romani bħar-Rom, is-Sinti, il-Kalés, iż-Żingari, ir-Romanichels u l-Boyash/Rudari. It-terminu jiġbor fih ukoll gruppi bħall-Ashkali, l-Eġizzjani, il-gruppi tal-Lvant (inkluż id-Dom, il-Lom, ir-Rom u l-Abdal), kif ukoll popolazzjonijiet ta' vjaġġaturi, inkluż it-Travellers etniċi, il-Yenish jew dawk iddeżinjati bit-terminu amministrattiv "Gens du voyage", u persuni li jidentifikaw lilhom infushom bħala Żingari, Tsiganes jew Tziganes, mingħajr ma jiċħdu l-karatteristiċi speċifiċi ta' dawk il-gruppi.

e. Il-miżuri eżistenti biex jitnaqqsu d-differenzi bejn il-ġeneri jinkludu miżuri ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata bħal dawk deskritti fid-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata ((UE) 2019/1158), id-Direttiva dwar it-Titjib tal-Bilanċ bejn il-Ġeneri fost id-Diretturi ta' Kumpaniji Elenkati ((UE) 2022/2381) u dispożizzjonijiet legali u politiki dwar paga u kundizzjonijiet tax-xogħol ugwali inkluż id-Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi ((UE) 2023/970), kif ukoll miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru kontra n-nisa, li tibqa' ostaklu ewlieni għall-parteċipazzjoni sħiħa, ugwali u sinifikattiv tan-nisa fis-suq tax-xogħol; il-miżuri eżistenti għall-ġlieda kontra l-vjolenza jinkludu dawk stipulati fid-Direttiva ((UE) 2024/1385) dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika.

f. L-analiżi mill-Eurofound tenfasizza wkoll li l-istrumenti għat-trasparenza fil-pagi jistgħu jservu bħala għodda strateġika biex tingħata spinta lill-kompetittività billi jsaħħu l-akkwist u ż-żamma tat-talenti, itejbu l-prestazzjoni tal-impjegati, u jiffaċilitaw l-adozzjoni teknoloġika u l-iżvilupp tal-forza tax-xogħol.[16]

[16] Ara l-paġna web tal-Eurofound bl-isem Taking stock: Further experiences in gender pay transparency implementation and effectiveness | Eurofound

g. Il-Eurofound uriet li arranġamenti adegwati tal-ħin tax-xogħol u infrastruttura soċjali ta' appoġġ jippermettu bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u parteċipazzjoni aktar sħiħa fis-suq tax-xogħol, b'benefiċċji li jmorru lil hinn mill-ħaddiema u jestendu għan-negozji u s-soċjetà inġenerali.[17] Kif enfasizzat fl-Istrateġija tal-Kummissjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, ħafna nisa jsibuha diffiċli biex jikkombinaw il-ħajja professjonali u privata tagħhom, peress li jkomplu jġorru sehem sproporzjonat ta' xogħol ta' indukrar u domestiku mhux imħallas meta mqabbla mal-irġiel. F'dan il-kuntest, il-ħolqien tal-kundizzjonijiet għal opportunitajiet indaqs fl-aċċess għas-suq tax-xogħol, inkluż għal dawk kollha li jindukraw, jinvolvi li jittieħed kont tal-esperjenzi differenti tal-ħajja tat-tqala, il-maternità, il-paternità u l-filjazzjoni, kif ukoll tal-kura ta' persuni akbar fl-età u dipendenti oħra.

h. In-nisa jwettqu sehem sproporzjonat ta' xogħol ta' indukrar u xogħol domestiku mhux imħallas tul il-ħajja, li hija waħda mir-raġunijiet ewlenin għaliex in-nisa jaħdmu part-time jew huma ekonomikament inattivi. In-nisa huma wkoll rappreżentati żżejjed f'okkupazzjonijiet ta' kura.[18] Id-domanda għall-indukrar fl-UE mistennija tiżdied[19] minħabba fatturi bħat-tibdil demografiku u l-pressjonijiet tas-suq tax-xogħol. Peress li s-servizzi tal-indukrar huma parti indispensabbli mill-infrastruttura soċjali, l-investiment f'dan is-settur huwa essenzjali biex jiġu żgurati l-kompetittività kif ukoll l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

---

17 Eurofound (2026), European Working Conditions Survey 2024: Overview report, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.
18 Eurofound, Advancing towards a care society: addressing the gender care gap, April 2025
19 Eurofound (2025), Unpaid care in the EU, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu

i. Filwaqt li ttejjeb l-eżiti għat-tfal u oħrajn li jeħtieġu l-indukrar, id-disponibbiltà ta' ECEC affordabbli, aċċessibbli u ta' kwalità kif ukoll servizzi ta' indukrar u ta' appoġġ fit-tul ta' kwalità għandha wkoll impatt pożittiv qawwi fuq is-sitwazzjoni tal-impjiegi tal-ġenituri u tal-persuni li jindukraw, b'mod partikolari n-nisa. Il-politiki dwar il-liv għall-indukrar u miżuri oħra għar-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, il-familja u l-ħajja privata, inkluż miżuri li jippromwovu l-kondiviżjoni ugwali tax-xogħol ta' indukrar u appoġġ mhux imħallas bejn in-nisa u l-irġiel, huma kruċjali wkoll peress li jikkontribwixxu għall-koeżjoni soċjali, l-iżvilupp demografiku sostenibbli, ir-reżiljenza tas-suq tax-xogħol u l-kompetittività fit-tul tal-Unjoni Ewropea.

j. Id-diskrepanza fl-investiment bejn il-ġeneri[20], li hija dovuta għal ostakli strutturali, tal-imġiba u istituzzjonali, taffettwa b'mod negattiv l-opportunitajiet ta' intraprenditorija u tmexxija tan-nisa, u toħnoq il-potenzjal tal-innovazzjoni tal-Ewropa. Ir-riċerka wriet li n-negozji ġodda mmexxija min-nisa huma ekonomikament aktar ta' suċċess u reżiljenti, u li sehem ogħla ta' negozji ġodda mmexxija min-nisa jwassal għall-innovazzjoni.[21] Madankollu, bħalissa, id-distribuzzjoni tal-kapital ta' riskju hija inugwali ħafna: għal kull EUR 100 investit, inqas minn EUR 3 imorru għal timijiet immexxija min-nisa. Biex tiġi indirizzata d-diskrepanza fl-investiment bejn il-ġeneri jrid jiġi indirizzat il-preġudizzju tal-ġeneru fit-teħid ta' deċiżjonijiet finanzjarji u t-titjib tal-aċċess tan-nisa għan-networks tan-negozju u għall-investituri.

---

[20] Kummissjoni Ewropea, The Gender Investment Gap affecting both women-led companies and women-led investment funds, Ottubru 2025

[21] Bank Ewropew tal-Investiment, "Support for female entrepreneurs: Survey evidence for why it makes sense" https://www.eib.org/en/publications/online/all/finance-female-entrepreneurs

k. L-avvanz rapidu tat-teknoloġija diġitali u tal-IA għandu implikazzjonijiet estensivi għall-futur tax-xogħol. Għandu potenzjal pożittiv u jista' jintuża b'mod attiv biex javvanza l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-oqsma kollha u jnaqqas id-distakki sistemiċi. It-twettiq ta' dan il-potenzjal jirrikjedi wkoll il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fl-iżvilupp u l-użu tal-IA, biex b'hekk ikunu jistgħu jsawru b'mod attiv din it-teknoloġija u jikkontribwixxu għall-innovazzjoni u l-kompetittività tal-Unjoni. Madankollu, huwa importanti li għodod bħar-reklutaġġ u l-ġestjoni tal-ħaddiema xprunati mill-IA jkunu affidabbli u ddisinjati, varati u mmonitorjati b'mod reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru u ċċentrat fuq il-bniedem. Dan ikun jinvolvi approċċ ta' sikurezza mid-disinn, sorveljanza mill-bniedem effettiva, perspettiva tad-drittijiet tal-bniedem, integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ġeneri, valutazzjoni regolari tal-preġudizzju, l-iżvilupp ta' sistemi tal-IA mhux diskriminatorji, u l-użu ġestit ta' data ta' kwalità għolja u rappreżentattiva. Mingħajr salvagwardji xierqa, it-teknoloġija diġitali u l-għodod tal-IA jistgħu jkunu ta' detriment għall-ugwaljanza u jamplifikaw il-preġudizzju u d-diskriminazzjoni għal raġunijiet differenti, jipperpetwaw l-istereotipi eżistenti marbuta mal-ġeneru, l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u d-distakki diġitali, u jsaħħu l-preġudizzju tal-ġeneru u preġudizzji intersezzjonali oħra. Huwa importanti li l-utenti mhux biss ikollhom kompetenzi tekniċi iżda wkoll taħriġ fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. Jekk l-Ewropa trid tevita li tirriproduċi l-inugwaljanzi eżistenti f'setturi emerġenti u tespandi r-riżerva ta' talent meħtieġa għall-kompetittività mmexxija mill-innovazzjoni, huwa essenzjali li jiġi żgurat li t-tranżizzjoni diġitali tkun reattiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru.

l. Kif innota l-Kunsill fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar "Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza ċibernetika fuq il-bniet", huwa importanti li n-nisa u l-bniet jiġu protetti online, inkluż kontra l-vjolenza ffaċilitata mill-IA. Il-vjolenza ċibernetika kontra n-nisa u l-bniet għandha konsegwenzi soċjali, politiċi u ekonomiċi sinifikanti li jheddu d-demokrazija u l-kompetittività.

m. Barra minn hekk, minħabba s-segregazzjoni okkupazzjonali orizzontali u vertikali persistenti tas-suq tax-xogħol tal-UE, il-bidliet teknoloġiċi x'aktarx li jipproduċu impatti differenti għan-nisa u l-irġiel. Pereżempju, filwaqt li ż-żieda fix-xogħol mill-bogħod iffaċilitata mid-diġitalizzazzjoni tista' toffri lin-nisa flessibbiltà akbar, din tista' ssaħħaħ ukoll l-istereotipi marbuta mal-ġeneru u xejriet mhux ugwali fil-kondiviżjoni tax-xogħol ta' indukrar u dak domestiku. Mingħajr miżuri mmirati biex jiġu miġġielda l-istereotipi marbuta mal-ġeneru u jiġi żgurat aċċess ugwali għall-edukazzjoni u l-impjiegi fl-oqsma STEM[22] u l-ħiliet diġitali u tal-IA, appoġġati mill-edukazzjoni u minn opportunitajiet tul il-ħajja għat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet, kif ukoll miżuri biex jittejbu ż-żamma u l-progressjoni tal-karriera tan-nisa fi STEM, hemm ir-riskju li d-disparitajiet settorjali u d-distakk diġitali bejn il-ġeneri jikbru. Skont l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE), it-tnaqqis tad-differenza bejn il-ġeneri fis-STEM jikkontribwixxi għal żieda fil-PDG ekwivalenti għal EUR 820 biljun u jiġġenera sa 1,200,000 impjieg sal-2050.[23] Huwa wkoll essenzjali li jiġi żgurat aċċess ugwali għall-oqsma HEAL[24] u li aktar irġiel jiġu mħeġġa jagħżlu karrieri f'dan is-settur u okkupazzjonijiet oħra ta' indukrar. Approċċ reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru għall-politiki tal-ħiliet, STEM u HEAL jista' jappoġġa kemm l-ugwaljanza kif ukoll il-kompetittività billi jnaqqas is-segregazzjoni, ilaqqa' b'mod aħjar il-ħiliet u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, u jagħmel is-setturi emerġenti aktar inklużivi u sostenibbli.

---

22 Xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika.

23 Economic Benefits of Gender Equality in the European Union | European Institute for Gender Equality

24 Saħħa, edukazzjoni, amministrazzjoni u litteriżmu.

**18. Fil-qasam tal-ugwaljanza tal-LGBTI[25],**

a. It-tielet stħarriġ tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) dwar l-LGBTIQ sab li llum, fl-UE, ħafna minn dawk li għandhom orjentazzjoni sesswali, bħal leżbjani, gay, bisesswali, asesswali jew pansesswali, u/jew ċerta identità ta' ġeneru, nisa u rġiel trans, persuni mhux binarji u ta' ġeneru divers, u persuni intersesswali b'karatteristiċi sesswali jew b'espressjoni tal-ġeneru diversi jbatu minn diskriminazzjoni, fastidju u vjolenza jew iżolazzjoni u esklużjoni minħabba min huma. Barra minn hekk, skont l-FRA, 19 % tar-rispondenti esperjenzaw diskriminazzjoni fl-impjieg (waqt li kienu qed ifittxu impjieg jew fuq il-post tax-xogħol). Din iċ-ċifra tirdoppja għan-nisa trans (43 %) u l-irġiel trans (35 %). L-istħarriġ juri wkoll diskriminazzjoni f'oqsma bħall-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni u l-ħajja soċjali.

b. L-Istrateġija tal-Kummissjoni dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ+ għall-2026-2030 tissottolinja li l-għoti tas-setgħa lill-persuni LGBTIQ+... jixpruna l-intraprenditorija, l-innovazzjoni u jrawwem it-tkabbir ekonomiku. Pereżempju, il-bliet li qed jilqgħu u jinkludu lill-persuni LGBTIQ+ għandhom ekosistemi tal-innovazzjoni aktar b'saħħithom, konċentrazzjonijiet akbar ta' ħiliet u talent, livelli ogħla ta' intraprenditorija u kwalità tal-ħajja aħjar.

---

[25] F'dan it-test, l-akronimi LGBTI, LGBTIQ, u LGBTIQ+ jintużaw skont it-terminoloġija użata fid-dokument, fl-inizjattiva, jew fil-qasam ta' politika speċifiku li tkun qed issir referenza għalih. Skont l-Istrateġija tal-Kummissjoni dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ+ għall-2026–2030, il-persuni LGBTIQ+ huma persuni:
• li huma attirati lejn persuni oħrajn tal-ġeneru tagħhom stess (leżbjani, gay) jew lejn kwalunkwe ġeneru (bisesswali);
• li l-identità u/jew l-espressjoni tal-ġeneru tagħhom ma jikkorrispondux għas-sess li ġew assenjati mat-twelid (trans, mhux binarji);
• li jitwieldu b'karatteristiċi tas-sess li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni tipika ta' raġel jew mara (intersess);
• li l-identità tagħhom ma taqax taħt klassifikazzjoni binarja ta' sesswalità u/jew ġeneru (queer);
• li jidentifikaw ma' orjentazzjonijiet sesswali jew identitajiet tal-ġeneru oħra mhux koperti b'mod speċifiku mill-akronimu LGBTIQ (il-+).

c. L-analiżi tal-OECD[26] turi li l-inklużività legali tal-LGBTI hija assoċjata b'mod pożittiv mal-iżvilupp ekonomiku u li l-pajjiżi li introduċew l-aktar protezzjonijiet legali għall-persuni LGBTI jmorru aħjar mil-lat ta' PDG per capita.

d. Studju tal-Bank Dinji dwar il-kost ekonomiku tal-istigma u l-esklużjoni ta' persuni LGBT[27] sab li d-diskriminazzjoni kontra dan il-grupp twassal għal produttività u output tax-xogħol aktar baxxi, investiment ineffiċjenti fil-kapital uman minħabba redditi aktar baxxi għall-edukazzjoni u diskriminazzjoni f'ambjenti edukattivi, output mitluf bħala riżultat ta' disparitajiet fis-saħħa marbuta mal-esklużjoni, u kostijiet għas-servizzi soċjali u tas-saħħa li jirriżultaw mill-ħtieġa li jiġu indirizzati l-effetti tal-esklużjoni.

**19. Fil-qasam tad-Diżabilità,**

a. Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD), li huma Partijiet għaliha l-Istati Membri kollha u l-UE, timpenja lill-Partijiet jieħdu l-miżuri effettivi u meħtieġa kollha biex jippromwovu, jipproteġu u jiżguraw it-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali minn persuni b'diżabilità permezz ta' miżuri u servizzi ta' appoġġ xierqa. Minbarra l-miżuri biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni, dan jinkludi l-iżgurar tal-awtodeterminazzjoni għall-persuni b'diżabilità, u l-aċċessibbiltà u l-akkomodazzjoni raġonevoli fl-oqsma kollha tal-ħajja, abbażi tal-prinċipju tad-disinn universali, inkluż fl-oqsma tal-impjiegi, l-edukazzjoni, l-għajxien indipendenti, it-taħriġ u l-aċċess għal oġġetti u servizzi u l-provvista tagħhom.

---

26 Over the Rainbow? The Road to LGBTI Inclusion | OECD
27 The economic cost of stigma and the exclusion of LGBT people: a case study of India

b. Fl-2024, 51.8 % biss tal-persuni b'diżabilità kellhom impjieg meta mqabbla ma' 71.8 % tal-persuni mingħajr diżabilità.[28] Sabiex il-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jagħmlu għażliet ta' impjieg fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, huwa meħtieġ li jitneħħew l-ostakli għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. L-ostakli li għandhom impatt negattiv fuq id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabilità jinkludu kunċetti żbaljati rigward il-kost tal-aġġustamenti fuq il-post tax-xogħol u tal-għoti ta' akkomodazzjonijiet raġonevoli. In-nuqqas ta' edukazzjoni u taħriġ inklużivi u aċċessibbli (inkluż it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid), ir-reklutaġġ, ix-xogħol u l-progressjoni tal-karriera huma wkoll ostakli kbar għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, in-nisa b'diżabilità mhux biss huma inqas probabbli li jipparteċipaw fil-forza tax-xogħol[29] iżda huma wkoll rappreżentati b'mod sproporzjonat f'impjiegi part-time[30], li spiss ma jkunx b'għażla, u għandu effett negattiv fuq l-indipendenza ekonomika tagħhom. In-nisa b'diżabilità jistgħu jiffaċċaw riskju akbar ta' vjolenza, li min-naħa tiegħu, jaffettwa wkoll b'mod negattiv l-awtosuffiċjenza finanzjarja u l-indipendenza ekonomika tagħhom.

c. Miżuri ta' implimentazzjoni, bħal dawk stipulati fil-Pakkett dwar l-Impjiegi għall-Persuni b'Diżabilità msaħħaħ reċentement mill-Kummissjoni, jistgħu jiżguraw aċċess ugwali għal impjiegi ta' kwalità għolja u sostenibbli fis-suq tax-xogħol miftuħ għall-persuni b'diżabilità, u b'hekk jappoġġaw l-awtonomija ekonomika u l-inklużjoni soċjali tagħhom filwaqt li jippermettu lill-impjegaturi u lill-ekonomiji jibbenefikaw minn riżerva ta' talent usa' u aktar diversa.

---

28 Ara l-paġna web tal-Eurostat bl-isem Employment gaps for women & people with disabilities - News articles - Eurostat

29 Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

30 Eurofound (2023). Changing labour markets – How to prevent a mismatch between skills and jobs in times of transition – Dokument ta' sfond, Eurofound, Dublin

d. L-Istrateġija tal-Kummissjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 u l-Komunikazzjoni dwar it-Tisħiħ ta' din l-Istrateġija sal-2030 għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-UNCRPD. L-Istrateġija tenfasizza l-ħtieġa għal aċċess ugwali għal impjiegi ta' kwalità, għall-edukazzjoni, għall-għajxien indipendenti, għall-prodotti u s-servizzi, u għall-ħajja kulturali, l-isport, l-ivvjaġġar u l-attivitajiet ta' divertiment. L-iżgurar u t-titjib tal-aċċessibbiltà tal-edukazzjoni fil-livelli kollha, inkluż l-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali permezz ta' politiki inklużivi, taħriġ tal-persunal u servizzi ta' appoġġ robusti[31] u interventi mfassla apposta, ikkomplementati minn intraprenditorija soċjali appoġġata u programmi mmirati ta' tranżizzjoni għad-dinja tax-xogħol, jistgħu jgħinu biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-persuni b'diżabilità u jippromwovu l-parteċipazzjoni ugwali tagħhom fis-suq tax-xogħol.

e. Teknoloġiji ta' assistenza affordabbli inkluż IA inklużiva u affidabbli jistgħu jtejbu l-indipendenza, jappoġġaw il-komunikazzjoni, itejbu l-aċċessibbiltà u jippromwovu opportunitajiet indaqs għall-parteċipazzjoni fis-soċjetà, inkluż l-edukazzjoni, l-impjiegi u l-ħajja komunitarja. L-iżgurar li l-għodod teknoloġiċi u l-ambjent diġitali kollu kemm hu jkunu aċċessibbli, affordabbli u inklużivi huwa kruċjali biex jitrawmu opportunitajiet indaqs fl-iżvilupp tal-ħiliet diġitali, fit-taħriġ mill-ġdid u fit-titjib tal-ħiliet. Huwa importanti li jiġi rikonoxxut ir-riskju tal-impatti diskriminatorji tal-IA, inkluż minħabba preġudizzju fid-data għat-taħriġ, u li jiġi żgurat li d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità jiġu protetti u promossi fl-iżvilupp u l-użu tal-IA.

f. It-twettiq tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità jippermetti l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fis-soċjetà, u jappoġġa l-kontribut tagħhom fl-ekonomiji lokali tagħhom, pereżempju, permezz tat-tranżizzjoni lejn għajxien indipendenti u teħid ta' deċiżjonijiet appoġġat mid-drittijiet.

[31] Il-Kummissjoni Ewropea, Inequalities and disabilities research in the EU, Towards a fair and equal access to health, education and employment, Ottubru 2025

**20. Fil-qasam tal-Ġlieda kontra r-Razziżmu,**

a. Kif uriet ir-riċerka mwettqa mill-FRA, il-persistenza tar-razziżmu taffettwa b'mod negattiv l-aspetti kollha tal-ħajja[32] u għandha konsegwenzi soċjali u ekonomiċi sinifikanti għall-persuni u l-gruppi esposti għal diskriminazzjoni abbażi tal-oriġini razzjali jew etnika. Il-ħidma tal-FRA tenfasizza dan, permezz tal-istħarriġ u r-rapporti tagħha dwar, fost l-oħrajn, persuni ta' dixxendenza Afrikana, Musulmani, Lhud, Rom, persuni li jappartjenu għal minoranzi etniċi jew razzjali oħra, u persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni. Il-persuni ta' dixxendenza Afrikana, pereżempju, huma aktar probabbli li jkollhom kuntratti temporanji u jaħdmu f'okkupazzjonijiet elementari. Ir-rata ta' sovrakwalifikazzjoni[33] hija ogħla għall-persuni ta' dixxendenza Afrikana milli għall-popolazzjoni ġenerali (46 % meta mqabbla ma' 22 %). Il-Musulmani, li wħud minnhom għandhom antenati fil-Lvant Nofsani jew fl-Afrika, spiss jiffaċċaw diskriminazzjoni meta jkunu qed ifittxu xogħol (39 %) jew fuq il-post tax-xogħol (35 %). Barra minn hekk, tnejn minn kull ħames Musulmani (41 %) huma kkwalifikati żżejjed għall-impjieg tagħhom meta mqabbla ma' 22 % tan-nies b'mod ġenerali. Id-diskriminazzjoni razzjali taffettwa b'mod sproporzjonat lin-nisa u lill-bniet, li jiffaċċaw ostakli kkombinati bbażati fuq il-ġeneru u razzjalizzati, inkluż fl-edukazzjoni, fl-impjiegi u fl-aċċess għas-servizzi.

b. L-Istrateġija tal-UE Kontra r-Razziżmu 2026-2030 tal-Kummissjoni tirrikonoxxi l-ġlieda kontra r-razziżmu strutturali bħala investiment strateġiku fil-kompetittività tal-Unjoni. Studju tal-OECD tal-2025 jistma li d-diskriminazzjoni razzjali tiswa lill-UE sa EUR 12.7 biljun f'PDG mitluf kull sena. L-impatt soċjoekonomiku tad-diskriminazzjoni razzjali jinkludi aċċess imnaqqas għall-impjiegi, tbatija finanzjarja u esponiment sproporzjonatament għoli għad-diskriminazzjoni, li jirriżultaw f'livelli aktar baxxi ta' sigurtà ekonomika għal dawk affettwati.

---

32 Ara s-sit web tal-FRA bl-isem Muslims in Europe face ever more racism and discrimination | European Union Agency for Fundamental Rights, Being Black in the EU – Experiences of people of African descent | European Union Agency for Fundamental Rights Monitoring and recording antisemitism in the EU – State of play and ways forward | European Union Agency for Fundamental Rights

33 Il-proporzjon ta' persuni b'edukazzjoni terzjarja impjegati f'okkupazzjonijiet b'livell baxx jew medju ta' ħiliet

c. L-istudenti li jappartjenu għal minoranzi razzjali jew etniċi spiss jiltaqgħu ma' razziżmu li jfixkel is-suċċess edukattiv u l-kapaċità tagħhom li jilħqu l-potenzjal tagħhom. L-ostakli jippersistu fis-suq tax-xogħol, fejn fir-reklutaġġ l-applikanti għal impjieg jiffaċċaw ostakli kemm ikkawżati mill-bniedem kif ukoll iffaċilitati mit-teknoloġija, pereżempju, minħabba li l-ismijiet jitqiesu bħala barranin, li jilbsu lbies reliġjuż jew li jkunu persuna ta' kulur. L-impjegati minn sfondi ta' minoranza etnika jiffaċċaw ukoll ostakli akbar għall-avvanz fil-karriera u aċċess imnaqqas għal networks influwenti.

**21. Fil-qasam tal-inklużjoni tar-Rom,**

a. Ir-Rom għadhom jesperjenzaw rati ħafna ogħla ta' żvantaġġ ekonomiku u esklużjoni soċjali mill-popolazzjoni ġenerali. Persuni meqjusa bħala Rom, jew identifikati bħala Rom abbażi ta' isimhom, pereżempju, jiffaċċaw ostakli meta jfittxu impjieg. Barra minn hekk, 36 % tar-Rom irrappurtaw li esperjenzaw diskriminazzjoni meta kienu qed ifittxu xogħol. L-Istħarriġ [34] tal-FRA dwar ir-Rom tal-2024 wera li 54 % biss tar-Rom ta' bejn l-20 u l-64 sena kellhom xogħol imħallas, li kien ferm aktar baxx mir-rata għall-popolazzjoni ġenerali tal-UE (74 %). Barra minn hekk, 38 % biss tan-nisa Rom kellhom xogħol imħallas meta mqabbel ma' 69 % tal-irġiel Rom.

b. L-ostakli li jfixklu l-aċċess għas-suq tax-xogħol jinkludu l-antiżingariżmu, forma prevalenti ta' razziżmu rikonoxxuta bħala kawża ewlenija ta' diskriminazzjoni u esklużjoni tar-Rom li twassal għal diskriminazzjoni fil-proċessi ta' reklutaġġ u fuq il-post tax-xogħol, livelli baxxi ta' edukazzjoni u ħiliet bażiċi u nuqqas ta' aċċess għal programmi pubbliċi u appoġġ imfassla apposta.

---

[34] L-istħarriġ kopra 10 Stati Membri tal-UE (il-Bulgarija, iċ-Ċekja, Franza, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Portugall, ir-Rumanija, Spanja u l-Ungerija) u tliet pajjiżi tal-adeżjoni (l-Albanija, il-Maċedonja ta' Fuq u s-Serbja).
Roma survey 2024 | European Union Agency for Fundamental Rights

c. Il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom jappella lill-Istati Membri biex inaqqsu bin-nofs id-differenza fir-rata NEET[35] għal din il-komunità, bil-mira li ż-żgħażagħ Rom NEET jitnaqqsu għal inqas minn 33 % u li mill-inqas 45 % tan-nisa Rom ikollhom xogħol imħallas sal-2030. Filwaqt li r-rata ġenerali tjiebet minn 62 % fl-2016 għal 47 % fl-2024, għad hemm differenza serja bejn il-ġeneri: 61 % tan-nisa Rom żgħażagħ huma NEET, meta mqabbla ma' 33 % tal-irġiel Rom żgħażagħ. Jistgħu jkunu meħtieġa politiki mmirati biex jiġu indirizzati l-fatturi bbażati fuq il-ġeneru tar-rati NEET tal-bniet Rom, li huma marbuta mad-diskriminazzjoni, il-faqar, u n-normi tal-ġeneru.

d. L-Istħarriġ tal-FRA dwar ir-Rom tal-2024 juri li 32 % biss tar-Rom ta' bejn l-20 u l-24 sena kisbu mill-inqas edukazzjoni sekondarja għolja, rata ferm aktar baxxa minn dik għall-popolazzjoni ġenerali tal-UE, 84 %. L-istħarriġ juri wkoll li r-Rom qed jesperjenzaw dejjem aktar diskriminazzjoni fl-interazzjonijiet mal-istituzzjonijiet edukattivi. It-tnaqqis ta' tali diskriminazzjoni kif ukoll l-inugwaljanzi edukattivi b'mod ġenerali, u l-promozzjoni ta' aċċess ugwali għall-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, huma essenzjali għat-titjib tal-aċċess għal impjiegi b'ħiliet għaż-żgħażagħ Rom u bħala mod kif tissaħħaħ il-bażi tal-ħiliet tal-Ewropa. L-inkoraġġiment taż-żgħażagħ Rom biex jibqgħu fis-sistema edukattiva lil hinn mill-edukazzjoni obbligatorja jfisser it-trawwim ta' klima ta' fiduċja u kooperazzjoni mal-istudenti Rom u l-familji tagħhom mill-aktar stadji bikrija tal-edukazzjoni. Il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għandu l-għan li jżid l-aċċess għall-edukazzjoni għar-Rom, li jnaqqas id-differenza fir-rati ta' tlestija tal-edukazzjoni sekondarja għolja bejn ir-Rom u l-popolazzjoni ġenerali b'mill-inqas terz u li jżid is-sehem taż-żgħażagħ Rom li jiksbu mill-inqas edukazzjoni sekondarja għolja għal 50 % sal-2030.

---

35 Barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ.

**22. Fil-qasam tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tal-età u l-etaiżmu,**

a. Il-bidliet demografiċi madwar l-Unjoni jeħtieġu l-użu sħiħ tal-kapital uman fil-koorti tal-etajiet kollha biex jiġu sostnuti t-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività. Filwaqt li d-diversità tal-età hija komponent inerenti ta' suq tax-xogħol reżiljenti, l-etaiżmu sistemiku u d-diskriminazzjoni abbażi tal-età jaġixxu bħala ostaklu għall-produttività u l-innovazzjoni kif ukoll bħala waħda mill-kawżi ewlenin tal-inattività prematura fis-suq tax-xogħol fost iċ-ċittadini akbar fl-età. Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-aċċess għall-impjiegi, it-taħriġ vokazzjonali u l-progressjoni tal-karriera jkun ibbażat fuq kompetenza oġġettiva aktar milli fuq l-età kronoloġika. L-etaiżmu jista' jinkroċja mal-istereotipi marbuta mal-ġeneru u ma' forom oħra ta' diskriminazzjoni, u joħloq ostakli speċifiċi aggravati fir-reklutaġġ, il-progressjoni tal-karriera u ż-żamma tal-impjegati matul il-ħajja.

b. B'mod konsistenti mar-rekwiżiti tal-proporzjonalità tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, kwalunkwe differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età trid tkun iġġustifikata b'mod oġġettiv u raġonevoli minn għanijiet leġittimi tal-impjieg jew tas-suq tax-xogħol. Lil hinn mid-dritt fundamentali għat-trattament ugwali, it-trawwim ta' ambjenti newtrali għall-età jirrappreżenta strateġija ekonomika b'rendiment għoli. Billi tneħħi l-preġudizzji bbażati fuq l-età fir-reklutaġġ, fiż-żamma tal-impjegati u fil-progressjoni tal-karriera u billi tippromwovi l-aċċess għal opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja, taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet, l-UE tista' tottimizza l-parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol, issaħħaħ l-istabbiltà istituzzjonali u tiżgura r-reżiljenza ekonomika fit-tul meħtieġa biex tappoġġa Suq Uniku b'livell għoli ta' impjieg u kompetittiv.

c. Il-parteċipazzjoni ta' persuni akbar fl-età fis-suq tax-xogħol tista' tiġi appoġġata aktar permezz ta' miżuri ta' ġestjoni tal-età fuq il-post tax-xogħol, inkluż arranġamenti tax-xogħol flessibbli, miżuri tas-saħħa u tal-benesseri okkupazzjonali, adattament tal-post tax-xogħol, skemi ta' mentoraġġ u trasferiment tal-għarfien interġenerazzjonali.

d. Minbarra li tittieħed azzjoni fis-suq tax-xogħol, huwa importanti li jiġu indirizzati d-diskriminazzjoni abbażi tal-età u l-etaiżmu fl-oqsma l-oħra kollha tal-ħajja, filwaqt li jiġi żgurat li l-persuni akbar fl-età jkunu jistgħu jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà u fl-ekonomija u jikkontribwixxu għalihom permezz ta' attività ekonomika estiża, parteċipazzjoni soċjali akbar, volontarjat u apprendiment interġenerazzjonali. It-tixjiħ tal-popolazzjoni għandu wkoll impatt lil hinn mill-impjiegi bħaż-żieda fid-domanda għal servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa affordabbli u aċċessibbli biex jiġi appoġġat l-għajxien indipendenti. Gruppi differenti jesperjenzaw dawn il-kwistjonijiet b'mod differenti. In-nisa, pereżempju, ġeneralment jgħixu aktar mill-irġiel u għalhekk huwa aktar probabbli li jesperjenzaw problemi tas-saħħa relatati max-xjuħija. Għal din ir-raġuni, in-nisa għandhom ukoll aktar ħtiġijiet relatati mal-kura fit-tul aktar tard fil-ħajja.

**FILWAQT LI JIKKUNSIDRA LI**

23. L-indirizzar tal-inugwaljanzi, inkluż il-kwistjonijiet deskritti hawn fuq jista' jkollu impatt sinifikanti fuq l-Unjoni u fuq il-ħajja u l-benesseri tal-poplu tagħha, kif ukoll jagħti spinta lill-kompetittività tal-Unjoni, jixpruna t-tkabbir ekonomiku sostenibbli, jippreserva l-mudell soċjali Ewropew u jqiegħed il-valuri tal-Unjoni fil-prattika.

24. Dawn il-konklużjonijiet huma bbażati fuq il-ħidma preċedenti u l-impenji politiċi espressi mill-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew u l-partijiet ikkonċernati rilevanti f'dan il-qasam, inkluż id-dokumenti elenkati fl-Anness.

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI BIEX, f'konformità mal-kompetenzi tagħhom, u b'rispett għar-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali:**

25. Jiġġieldu l-istereotipi marbuta mal-ġeneru u s-segregazzjoni abbażi tal-ġeneru fl-oqsma kollha tas-soċjetà u tal-ekonomija, sabiex jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-koeżjoni soċjali u t-tkabbir ekonomiku, inkluż permezz ta' miżuri li jsaħħu l-pożizzjoni tan-nisa u tal-bniet kollha biex jipparteċipaw b'mod sħiħ, ugwali u sinifikattiv fl-edukazzjoni, it-taħriġ, l-impjiegi, l-attivitajiet kulturali, il-politika u l-ħajja pubblika.

26. Ikomplu jimplimentaw l-istrateġiji jew il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom li javvanzaw l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni.

27. Jappoġġaw miżuri għall-promozzjoni tal-intraprenditorija, is-sjieda tan-negozju u aċċess aktar ugwali għar-riżorsi finanzjarji tan-nisa, inkluż permezz ta' programmi ddedikati ta' mentoraġġ u tagħlim bejn il-pari. Jippromwovu l-aċċess ugwali bejn il-ġeneri għall-finanzi u l-opportunitajiet ekonomiċi b'enfasi partikolari fuq setturi b'rata għolja ta' tkabbir bħall-oqsma STEM, l-IA, u t-teknoloġiji diġitali u ekoloġiċi, kif ukoll l-agrikoltura sostenibbli u l-intraprenditorija rurali, inkluż permezz ta' miżuri biex jiġi eliminat il-preġudizzju tal-ġeneru fid-deċiżjonijiet ta' investiment u miżuri biex jiġu appoġġati negozji ġodda mmexxija min-nisa. Jinkoraġġixxu sħubijiet ma' istituzzjonijiet finanzjarji, bħal banek u fondi ta' investiment, u jappoġġaw taħriġ għall-persunal tagħhom dwar il-preġudizzju tal-ġeneru u d-diskriminazzjoni abbażi tiegħu.

28. Isaħħu l-politiki biex jingħalaq id-distakk diġitali bejn il-ġeneri billi jrawmu l-intraprenditorija u t-tmexxija diġitali u jiġġieldu l-kawżi ewlenin tiegħu.

29. Isaħħu l-politiki biex titnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, biex titnaqqas is-segregazzjoni okkupazzjonali orizzontali u vertikali tal-ġeneru u biex jiġi evitat ix-xogħol part-time involontarju, u jieħdu passi biex jeliminaw l-istereotipi marbuta mal-ġeneru fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjiegi, inkluż fil-kulturi fuq il-post tax-xogħol. Jappoġġaw miżuri li jippromwovu progressjoni tal-karriera ugwali u rappreżentanza ugwali f'pożizzjonijiet ta' responsabbiltà inkluż fil-bordijiet tal-kumpaniji. Jappoġġaw is-servizzi pubbliċi nazzjonali tal-impjiegi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-isforzi tagħhom biex itejbu l-aċċess ugwali tan-nisa għall-impjiegi.

30. Jieħdu passi, fejn xieraq u f'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali, biex jidentifikaw u jindirizzaw diżinċentivi finanzjarji biex wieħed jidħol jew jibqa' fl-impjieg li jirriżultaw minn ostakli strutturali inkluż it-tfassil ta' sistemi ta' benefiċċji, b'mod partikolari għall-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul[36] u għall-ġenituri waħedhom.

31. Jappoġġaw miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru fil-ħajja tax-xogħol, inkluż id-diskriminazzjoni relatata mat-tqala u ma' xogħol ta' indukrar u appoġġ mhux imħallas.

32. Isaħħu l-politiki biex titnaqqas id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri u d-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet u biex jiġi żgurat l-infurzar tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali, inkluż billi jiġu identifikati l-kawżi ewlenin ta' dawn id-differenzi bħas-sottovalutazzjoni sistemika tax-xogħol f'setturi u okkupazzjonijiet fejn in-nisa huma rrappreżentati żżejjed, u billi jiġu indirizzati dawk il-kawżi permezz ta' miżuri mmirati li għandhom l-għan li jissalvagwardjaw l-awtosuffiċjenza finanzjarja u l-indipendenza ekonomika tan-nisa matul il-ħajja.

[36] Il-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul huma individwi impjegati li jaqilgħu inqas mis-sħab tagħhom.

33. Isaħħu l-ekonomija tal-kura, inkluż billi jiżguraw paga ġusta u kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin fis-settur tal-kura, kif ukoll arranġamenti tax-xogħol flessibbli. Jippromwovu l-kondiviżjoni ugwali tar-responsabbiltajiet ta' kura u appoġġ bejn in-nisa u l-irġiel permezz ta' miżuri konsistenti mad-dritt tal-Unjoni u s-sistemi nazzjonali applikabbli, inkluż fejn xieraq l-għoti ta' liv tal-maternità, tal-paternità u/jew tal-ġenituri allokat u mhux trasferibbli u billi jħeġġu lill-irġiel u lill-missirijiet jieħdu responsabbiltajiet ta' kura u appoġġ. Jappoġġaw l-aċċess għal ECEC u servizzi u infrastruttura ta' kura u appoġġ fit-tul disponibbli, aċċessibbli, affordabbli u ta' kwalità għolja[37].

34. Jieħdu miżuri rilevanti biex jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet u lill-kumpaniji fl-isforzi tagħhom biex jimplimentaw miżuri ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u biex jadottaw politiki dwar il-post tax-xogħol favur il-familja għall-indokraturi kollha, filwaqt li jieħdu approċċ ta' tul il-ħajja kollha u jagħtu attenzjoni speċifika lill-maternità, lill-paternità, lill-filjazzjoni u lil dawk li jeħtieġ li jieħdu ħsieb persuni akbar fl-età u dipendenti oħra.

35. Jinkoraġġixxu għażliet edukattivi u tal-karriera ħielsa mill-preġudizzju tal-ġeneru u l-istereotipi marbuta mal-ġeneru, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa u l-bniet fl-iSTEM, kif ukoll li jiġu attirati aktar irġiel u subien lejn is-setturi tal-indukrar u tal-appoġġ u lejn l-okkupazzjonijiet tal-HEAL. Jinvestu fl-edukazzjoni u t-taħriġ biex jagħtu spinta lil-litteriżmu u lill-ħiliet finanzjarji u diġitali matul il-ħajja, speċjalment fost in-nisa u l-bniet, u biex irawmu l-interess, il-fiduċja u l-kompetenza fis-suġġetti STEM u l-intraprenditorija minn età bikrija inkluż permezz ta' approċċi STEAM[38] inklużivi u interdixxiplinari li jgħaqqdu x-xjenza u t-teknoloġija mal-arti, is-settur tad-disinn u l-istudji umanistiċi kif ukoll mal-isfidi tas-soċjetà. Jippromwovu aċċess ugwali għal opportunitajiet inklużivi ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid marbuta mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, b'mod partikolari għal gruppi sottorappreżentati u emarġinati.

---

[37] Inkluż f'konformità mal-objettivi ta' Barċellona għall-2030.
[38] Xjenza, teknoloġija, inġinerija, arti u matematika.

36. Fejn xieraq, f'konformità mas-sistemi nazzjonali tal-ġbir tad-data, u filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju tal-awtoidentifikazzjoni u s-salvagwardji applikabbli u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza, itejbu l-ġbir, l-analiżi u l-użu ta' data diżaggregata dwar l-ugwaljanza, kif ukoll data dwar is-suq tax-xogħol, fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, inkluż minn perspettiva intersezzjonali, fejn xieraq. Ikomplu bl-isforzi biex jiżguraw li d-data miġbura u użata, f'sorsi differenti ta' data, tkun preċiża, komprensiva, komparabbli u aċċessibbli kemm jista' jkun, billi jqajmu kuxjenza dwar is-sorsi eżistenti ta' data dwar l-ugwaljanza, inkluż data amministrattiva, u jużawhom, u billi janalizzaw fejn jeżistu l-lakuni, f'konformità mal-ħtiġijiet nazzjonali.

37. Jappoġġaw riċerka u ġbir ta' data reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru u relatati mal-ugwaljanza, bil-ħsieb li jiġu identifikati u evitati eżiti diskriminatorji fit-tfassil, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-użu ta' algoritmi u sistemi tal-IA, inkluż fil-ġestjoni.

38. Jippromwovu l-adozzjoni ta' IA ċċentrata fuq il-bniedem, aċċessibbli u affidabbli filwaqt li jiżguraw salvagwardji, trasparenza u sorveljanza mill-bniedem adegwati, u livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, tas-sikurezza u tad-drittijiet fundamentali kif minqux fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluż fl-oqsma tax-xogħol u fl-aċċess għas-servizzi pubbliċi essenzjali u t-tgawdija tagħhom, f'konformità mal-Att tal-UE dwar l-IA.

39. Jippromwovu l-infurzar effettiv tal-liġi dwar in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż permezz ta' sanzjonijiet u rimedji xierqa, sabiex tiġi evitata d-diskriminazzjoni, jiġu indirizzati l-konsegwenzi tagħha u jiġu ġġenerati benefiċċji ekonomiċi.

40. Iħeġġu lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jintegraw l-inklużjoni u n-nondiskriminazzjoni fl-istrateġiji tagħhom ta' attrazzjoni tan-negozji u tat-talenti sabiex isaħħu kemm l-ekosistemi tal-innovazzjoni lokali kif ukoll l-ugwaljanza, filwaqt li jippromwovu l-koeżjoni territorjali, b'mod partikolari f'reġjuni remoti.

41. Isaħħu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni, inkluż, pereżempju, billi joffru gwida u mentoraġġ vokazzjonali, itejbu r-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-kompetenzi miksuba barra mill-UE, u jappoġġaw ir-rwol tal-impjegaturi fl-integrazzjoni ekonomika ta' ċittadini barranin.

42. Ikomplu l-isforzi taħt il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom, biex inaqqsu bin-nofs ir-rata NEET u jnaqqsu bin-nofs id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi bejn in-nisa u l-irġiel Rom sal-2030, inkluż billi jieħdu passi biex itejbu l-inklużjoni soċjali, kif ukoll l-aċċess għall-edukazzjoni u l-opportunitajiet ta' impjieg għan-nisa u ż-żgħażagħ Rom, pereżempju, permezz ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol imfassla apposta f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom.

43. Ikomplu l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, filwaqt li jiżguraw li ż-żgħażagħ kollha taħt it-30 sena jirċievu offerta ta' impjieg ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew traineeship fi żmien erba' xhur minn meta jitilqu mill-edukazzjoni formali jew isiru qiegħda, b'attenzjoni partikolari għaż-żgħażagħ b'livell edukattiv baxx, għaż-żgħażagħ li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni jew ta' minoranza, għaż-żgħażagħ Rom, għaż-żgħażagħ li jesperjenzaw esklużjoni soċjali, u għaż-żgħażagħ b'diżabilità.

44. Itejbu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni b'diżabilità, b'mod partikolari n-nisa b'diżabilità, inkluż billi jippromwovu postijiet tax-xogħol u spazji pubbliċi aċċessibbli, billi jipprovdu appoġġ fl-impjiegi u billi jippermettu l-progressjoni tal-karriera permezz ta' edukazzjoni aċċessibbli u inklużiva u l-għoti ta' akkomodazzjoni raġonevoli, u b'hekk jiffaċilitaw u jappoġġaw ukoll it-tranżizzjoni minn ambjenti protetti għas-suq tax-xogħol miftuħ. Jappoġġaw miżuri li jippromwovu l-intraprenditorija ta' persuni b'diżabilità.

45. Itejbu l-inklużjoni ekonomika u soċjali tal-persuni akbar fl-età billi jappoġġaw il-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol, u permezz tal-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-età, kif ukoll permezz ta' servizzi tas-saħħa u tal-kura soċjali aċċessibbli u affordabbli. Jieħdu passi biex jiżguraw opportunitajiet ta' tagħlim aċċessibbli u affordabbli, flimkien ma' opportunitajiet għal parteċipazzjoni kulturali, ta' divertiment u ċivika, biex b'hekk il-persuni akbar fl-età jkunu jistgħu jiżviluppaw u jużaw il-ħiliet tagħhom u jibqgħu awtonomi bħala kontributuri attivi għas-soċjetà.

46. Ikomplu jikkondividu l-aħjar prattiki fost l-Istati Membri għall-avvanz tar-reżiljenza ekonomika permezz tal-promozzjoni tal-inklużjoni u l-ekwità fis-suq tax-xogħol, filwaqt li jirrikonoxxu dan bħala investiment strateġiku fit-tul fil-futur tal-Ewropa.

47. Jagħtu spinta lill-isforzi biex jiġi żgurat aċċess ugwali effettiv għal edukazzjoni, taħriġ u apprendiment tul il-ħajja inklużivi u ta' kwalità għal kulħadd.

48. Jippromwovu l-iżvilupp ta' moduli ta' studju ffukati fuq l-ugwaljanza, id-diversità u l-inklużività fil-kuntest tal-istudji dwar il-kummerċ u l-ekonomija f'livelli edukattivi differenti, anke bil-ħsieb li jsaħħu l-kapaċità tal-kumpaniji u ta' organizzazzjonijiet oħra fis-settur privat f'dawn l-oqsma.

**JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI EWROPEA U LILL-ISTATI MEMBRI, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom u b'rispett għar-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali, biex:**

49. Jieħdu miżuri, konformi mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 TUE, u b'kont meħud tal-Artikolu 19 TFUE u l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva u konsistenti mal-acquis tal-Unjoni fl-oqsma tal-impjiegi, l-ugwaljanza, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-diżabilità.

50. Jieħdu miżuri biex jiżguraw il-protezzjoni kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u fl-oqsma kollha tas-soċjetà, bl-għan li jiġu rispettati d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u li jitnaqqsu l-ostakli għall-parteċipazzjoni.

51. Jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet u l-inizjattivi li jinsabu fil-Pakkett dwar l-Impjiegi għall-Persuni b'Diżabilità sabiex jippromwovu l-impjieg ta' persuni b'diżabilità u jiġġieldu l-istereotipi.

52. Jippromwovu l-inklużività u l-ugwaljanza, inkluż l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, fil-politiki kollha tal-intraprenditorija f'setturi diversi, fost l-oħrajn billi jrawmu skemi ta' mentoraġġ inklużivi u jappoġġaw l-intraprenditorija soċjali, u jqisu l-finanzjament immirat għall-intraprenditorija fost il-gruppi emarġinati u sottorappreżentati bħan-nisa, il-persuni b'diżabilità, il-persuni LGBTI, il-persuni li ġejjin minn ambjent ta' migrazzjoni u l-persuni minn minoranza nazzjonali, etnika jew razzjali.

53. Sabiex tkompli tingħata spinta lir-rabta bejn l-ugwaljanza u l-kompetittività, jippromwovu l-integrazzjoni tal-ugwaljanza, inkluż l-integrazzjoni tad-dimensjonijiet tal-ġeneri, tad-diżabilità u tal-età, fil-politiki ekonomiċi, tal-konsumatur, soċjali u diġitali fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, kif ukoll fil-mekkaniżmi ewlenin ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika u soċjali bħas-Semestru Ewropew.

54. Ikomplu jippromwovu u jappoġġaw il-Pjattaforma tal-UE tal-Karti dwar id-Diversità u l-attivitajiet rilevanti fil-livell nazzjonali sabiex jgħinu lil organizzazzjonijiet pubbliċi u fis-settur privat kif ukoll lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-UE kollha jfasslu u jimplimentaw politiki effettivi dwar id-diversità u l-inklużjoni u jkomplu jippromwovu wkoll azzjonijiet immirati lejn il-promozzjoni ta' aktar bilanċ bejn il-ġeneri fil-korpi li jieħdu d-deċiżjonijiet.

55. Jappoġġaw, f'konformità mad-Direttivi dwar il-Korpi għall-Ugwaljanza (UE) 2024/1499 u (UE) 2024/1500, il-ħidma indipendenti tal-Korpi għall-Ugwaljanza fil-promozzjoni u l-infurzar tat-trattament ugwali, fost l-oħrajn billi jgħinu lill-vittmi tad-diskriminazzjoni, jimmonitorjaw id-diskriminazzjoni u jirrappurtaw dwarha, iqajmu kuxjenza dwar id-drittijiet u l-obbligi, jaġixxu fi proċedimenti tal-qorti skont id-dritt u l-prattika nazzjonali, u jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwar materji marbuta mad-diskriminazzjoni.

56. Jippromwovu miżuri mmirati li jinkoraġġixxu lill-impjegaturi kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat biex jippromwovu opportunitajiet indaqs fir-reklutaġġ tan-nisa u tal-gruppi sottorappreżentati, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' għodod u linji gwida ddedikati aċċessibbli u inklużivi, waqt li jqisu l-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet speċifiċi tal-SMEs. Jieħdu passi biex iżidu d-diversità fil-forza tax-xogħol, pereżempju permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni bil-mira li jiġġieldu l-preġudizzju inkonsapevoli, l-istereotipi u l-preġudizzji u permezz ta' edukazzjoni u prattiki ta' reklutaġġ inklużivi u aċċessibbli, u permezz tat-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet tul il-ħajja, u l-faċilitazzjoni ta' kodiċijiet ta' kondotta għas-settur tal-impjiegi privat.

57. Jappoġġaw miżuri biex jipprevjenu u jiġġieldu l-forom kollha tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż il-vjolenza abbażi tal-ġeneru ffaċilitata mit-teknoloġija, kif ukoll miżuri biex jindirizzaw u jeliminaw il-fastidju fid-dinja tax-xogħol, inkluż il-fastidju sesswali, permezz ta' miżuri leġiżlattivi, politiċi jew ta' sensibilizzazzjoni.

58. Jappoġġaw miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-mibegħda, it-theddid u l-vjolenza mmirati lejn persuni u gruppi f'riskju ta' diskriminazzjoni, sabiex jitneħħew l-ostakli għal dawn il-persuni sabiex jipparteċipaw bis-sħiħ fl-oqsma kollha tal-ħajja, inkluż l-implimentazzjoni ta' azzjoni strateġika u mmirata biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni u titrawwem l-ugwaljanza.

**JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX:**

59. Tippreżenta proposta għal Patt Ewropew għall-Kura li jirrikonoxxi kemm il-forom ta' kura u appoġġ imħallsa kif ukoll dawk mingħajr ħlas, jippromwovi t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa, iħeġġeġ lill-irġiel jerfgħu l-istess responsabbiltà fl-indukrar, jisfida l-istereotipi marbuta mal-ġeneru, u jagħti sett komprensiv ta' rakkomandazzjonijiet biex jiġu indirizzati l-isfidi fis-settur tal-kura, inkluż b'attenzjoni speċjali fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u biex tiżdied u tissaħħaħ il-forza tax-xogħol f'dan il-qasam.

60. Issaħħaħ il-koordinazzjoni u s-sinerġiji fil-programmi rilevanti kollha ffinanzjati mill-UE biex jinħolqu perkorsi aktar ċari għall-appoġġ tan-nisa u tiġi promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-innovazzjoni u l-intraprenditorija.

61. Tkompli l-isforzi biex tintegra b'mod effettiv kunsiderazzjonijiet antidiskriminatorji fil-politiki tal-UE u tappoġġa l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni fil-livell nazzjonali, reġjonali u dak lokali inkluż, fejn xieraq, billi tappoġġa l-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

62. Tippromwovi, f'konformità mal-oqfsa nazzjonali, il-ġbir, l-analiżi u l-użu ta' data diżaggregata dwar l-ugwaljanza, inkluż, fejn xieraq, data dwar id-diskriminazzjoni intersezzjonali, bħala għodda effettiva biex tiġi indirizzata l-inugwaljanza u l-forom kollha ta' diskriminazzjoni, inkluż billi tipprovdi assistenza teknika u t-tħejjija ta' gwida tal-Kummissjoni f'dan il-qasam.

63. Issaħħaħ il-monitoraġġ tal-kost soċjoekonomiku tad-diskriminazzjoni u tal-ostakli li jħabbtu wiċċhom magħhom gruppi speċifiċi f'riskju għoli ta' diskriminazzjoni, inkluż mill-perspettiva intersezzjonali, u tkompli tibni fuq id-data u r-riċerka disponibbli minn korpi u aġenziji rilevanti f'dan il-qasam.

64. Timmonitorja u tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġiji tal-Unjoni ta' Ugwaljanza.

65. Timmonitorja u tevalwa l-impatt tas-sistemi tal-IA fuq is-suq tax-xogħol mill-perspettiva tal-ugwaljanza u dan sabiex taċċerta fejn u kif l-IA tista' taffettwa ċerti setturi, gruppi soċjali jew tipi ta' okkupazzjoni aktar minn oħrajn, inkluż permezz tal-impatt tagħha fuq il-pagi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-progressjoni tal-karriera, l-aċċess għall-opportunitajiet ta' taħriġ, u t-telf potenzjali tal-impjieg għall-gruppi differenti. Tevalwa regolarment l-oqsma ta' riskju u ta' opportunità fir-rigward tal-impatt tas-sistemi tal-IA fuq l-ugwaljanza, inkluż l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, filwaqt li tibbaża fuq l-għarfien espert tal-Uffiċċju Ewropew għall-IA u tibni fuq ir-riċerka tal-Aġenziji tal-UE.

66. Tkompli timmonitorja l-evoluzzjoni tad-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi, fil-pagi u fil-pensjonijiet, kif ukoll id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabilità, u tappoġġa lill-Istati Membri billi tipprovdi appoġġ tekniku, data u analiżi.

67. Fid-dawl tal-approvazzjoni unanima mill-Istati Membri tad-Dikjarazzjoni ta' prinċipji għal soċjetà b'ugwaljanza bejn il-ġeneri, mehmuża mal-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għad-Drittijiet tan-nisa, taħdem biex dawk il-prinċipji jiġu implimentati, fost l-oħrajn billi tieħu l-miżuri li ġejjin previsti fl-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2026-2030:

   a. tadotta Pjan ta' Azzjoni għan-Nisa fir-Riċerka, l-Innovazzjoni u l-Istart-ups, kif ukoll tkompli l-implimentazzjoni tal-Aġenda Politika taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (2025-2027);

   b. twessa' l-miri tal-finanzjament intelliġenti skont il-ġeneru;

c. ittejjeb l-aċċess għall-finanzi għal imprendituri nisa fl-UE;

d. ittejjeb il-bilanċ bejn il-ġeneri fis-settur finanzjarju b'kollaborazzjoni mal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment; u

e. tkompli l-isforzi biex tattira u timmotiva aktar nisa u bniet jistudjaw is-suġġetti STEM u jagħżlu karrieri f'dan il-qasam, kif ukoll tħeġġeġ b'mod attiv lil aktar irġiel u subien jagħżlu karrieri HEAL u karrieri oħra ta' indukrar.

68. Tiżviluppa gwida dwar prattiki inklużivi ta' reklutaġġ b'kollaborazzjoni mal-Pjattaforma tal-UE tal-Karti dwar id-Diversità, kif deskritt fl-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ+, l-Istrateġija kontra r-Razziżmu u l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, kif ukoll bil-ħsieb li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni li Ssaħħaħ l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità sal-2030.

69. Tibqa' tagħti appoġġ, anke appoġġ finanzjarju, lill-Istati Membri għal proġetti ffukati fuq il-ġbir u l-użu ta' data dwar l-ugwaljanza u l-promozzjoni tal-ugwaljanza (inkluż l-ugwaljanza bejn il-ġeneri), l-inklużjoni u d-diversità fl-impjiegi u fis-settur tal-kummerċ.

## Referenzi

### 1. UE interistituzzjonali

Eurostat u l-Kummissjoni Ewropea, Employment gaps for women & people with disabilities, 2025, Employment gaps for women & people with disabilities - News articles - Eurostat.

### 2. Trattati u leġiżlazzjoni tal-UE

It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea tat-13 ta' Diċembru 2007 – verżjoni konsolidata (ĠU C 202, 7.6.2016 pp. 13-46)

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tat-13 ta' Diċembru 2007 – verżjoni konsolidata (ĠU C 202, 7.6.2016, pp. 47–360)

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (2016/C 202/02)

Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali)

Id-Direttiva (UE) 2024/1385 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika.

Id-Direttiva (UE) 2024/1500 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali u l-opportunitajiet indaqs bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol, u li temenda d-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE.

Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/1499 tas-7 ta' Mejju 2024 dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika tagħhom, it-trattament ugwali fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom, it-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali u fl-aċċess għal prodotti u servizzi u l-provvista tagħhom, u li temenda d-Direttivi 2000/43/KE u 2004/113/KE.

Id-Direttiva (UE) 2023/970 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li ssaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar.

Id-Direttiva (UE) 2022/2381 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 dwar it-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri fost diretturi ta' kumpaniji elenkati u miżuri relatati.

Id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE.

Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi.

Id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità.

### 3. Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2026 dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea (C/2026/1687)

Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2026 dwar it-tieni ċiklu tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (2026-2030) (C/2026/3720)

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2025 dwar l-Aġenda ta' Politika taż-Żona Ewropea tar-Riċerka 2025-2027 (C/2025/3593)

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi – It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ (2020/C 372/01)

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal: il-miri ta' Barċellona għall-2030 (2022/C 484/01)

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja (2022/C 476/01)

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2021 dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom (2021/C 93/01)

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal ((UE) 2021/1004)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza ċibernetika fuq il-bniet (id-dokument 11254/26)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2026 (id-dokument 5835/26)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Promozzjoni tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fl-Era Diġitali Mmexxija mill-IA: is-sitt rieżami orizzontali tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE (id-dokument 9984/25)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar appoġġ lill-persuni akbar fl-età biex jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tagħhom fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà (id-dokument 10610/25)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-aġendi tal-politika Ewropej u internazzjonali dwar it-tfal, iż-żgħażagħ u d-drittijiet tat-tfal (id-dokument C/2024/3528)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE: Il-mobilizzazzjoni tal-potenzjal tax-xogħol mhux sfruttat fl-Unjoni Ewropea (id-dokument 16556/24)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trawwim tal-inklużjoni soċjali tal-persuni b'diżabilità permezz ta' impjieg, akkomodament raġonevoli u riabilitazzjoni (id-dokument 16543/24)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika u l-indipendenza finanzjarja tan-nisa bħala perkors lejn ugwaljanza sostantiva bejn il-ġeneri (id-dokument 9752/24)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tranżizzjoni ta' sistemi tal-kura tul il-ħajja lejn mudelli ta' appoġġ olistiċi ċċentrati fuq il-persuna u bbażati fil-komunità, b'perspettiva tal-ġeneru (id-dokument 16094/23)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Integrazzjoni tat-Tixjiħ fil-Politiki Pubbliċi (id-dokument 6976/21)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill bl-isem "Rispons għal-Lista ta' azzjonijiet tal-Kummissjoni biex tiġi avvanzata l-ugwaljanza għal-LGBTI" (id-dokument 10417/16)

**4. Kummissjoni Ewropea**

L-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri 2026-2030, COM(2026) 113 final.

L-Istrateġija Kontra r-Razziżmu 2026-2030, COM(2026) 12 final.

L-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026-2030, COM(2025) 725 final.

Il-Komunikazzjoni dwar it-"Tisħiħ tal-istrateġija dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità sal-2030", COM(2026) 541 final.

Il-Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa. (id-dokument 6756/25). Referenza tal-Kummissjoni: COM(2025) 97 final.

Il-qafas strateġiku ġdid tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni, SWD (2020) 530 final.

L-Istrateġija tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija 2021-2030, COM(2021) 615 final

Inkissru ċ-ċiklu tal-faqar fost it-tfal – insaħħu l-Garanzija Ewropea għat-Tfal (COM(2026) 539 final)

L-Istrateġija tal-UE dwar l-Ekwità Interġenerazzjonali (COM/2026/110 final)

The gender investment gap affecting both women-led companies and women-led investment funds – Rapport finali (Kummissjoni Ewropea: L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs (EISMEA)), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025, https://data.europa.eu/doi/10.2826/6606184.

Inequalities and disabilities research in the EU, Towards a fair and equal access to health, education and employment, Ottubru 2025.

Il-Boxxla għall-Kompetittività tal-UE, Il-boxxla għall-kompetittività - Kummissjoni Ewropea, 2025, COM(2025) 30 final.

L-Unjoni tal-Ħiliet, COM(2025) 90 final.

Draghi Report: A competitiveness strategy for Europe, 2024, https://commission.europa.eu/topics/competitiveness/draghi-report_en#paragraph_47059.

Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, Employment and social developments in Europe 2025, 2025, https://data.europa.eu/doi/10.2767/9505984.

A European Care Strategy for caregivers and care receivers, 2022.

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, 2017.

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (COM/2021/102 final)

Il-Komunikazzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tat-22 Lulju 2026 (COM(2026) 650 final)

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Jannar 2024 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali (C/2024/390).

**5. Ewrobarometru**

Ewrobarometru, Discrimination in the European Union, 2023, https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/2972.

**6. Eurostat**

Eurostat, Gender statistics, 2025, https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Gender_statistics.

Eurostat, Gender pension Gap, 2024, Women's pension 25% lower than men's in 2024 - News articles - Eurostat

**7. Eurofound**

Eurofound, Taking stock: Further experiences in gender pay transparency implementation and effectiveness, 2025, https://www.eurofound.europa.eu/en/publications/all/taking-stock-further-experiences-in-gender-pay-transparency-implementation-and-effectiveness.

Eurofound, Unpaid care in the EU, 2025, https://www.eurofound.europa.eu/en/publications/all/unpaid-care-eu.

Eurofound, Advancing towards a care society: addressing the gender care gap, 2025.

Eurofound (2026), European Working Conditions Survey 2024: Overview report, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2026.

Eurofound, Changing labour markets: How to prevent a mismatch between skills and jobs in times of transition, 2023, Changing labour markets: How to prevent a mismatch between skills and jobs in times of transition - Background paper | Eurofound.

### 8. EIGE

EIGE, Economic Benefits of Gender Equality in the European Union, Economic Benefits of Gender Equality in the European Union | European Institute for Gender Equality.

EIGE, CARE Survey 2024 – Second wave: Online panel survey on gender gaps in unpaid care, individual and social activities, 2026, https://eige.europa.eu/publications-resources/publications/sharing-care-closing-gender-gaps-care-survey-2024?language_content_entity=en.

EIGE, 2025, Indiċi tal-Ugwaljanza, https://eige.europa.eu/gender-equality-index/2025.

### 9. FRA

FRA, Muslims in Europe face ever more racism and discrimination, 2024, Muslims in Europe face ever more racism and discrimination | European Union Agency for Fundamental Rights.

FRA, Being Black in the EU – Experiences of people of African descent, 2023, https://fra.europa.eu/en/publication/2023/being-black-eu.

FRA, EU LGBTIQ Survey III, 2022, EU LGBTIQ Survey III | European Union Agency for Fundamental Rights.

FRA, Roma survey 2024, 2024, Roma survey 2024 | European Union Agency for Fundamental Rights.

FRA, Monitoring and recording antisemitism in the EU- State of play and ways forward, 2026, Monitoring and recording antisemitism in the EU – State of play and ways forward | European Union Agency for Fundamental Rights

### 10. Bank Ewropew ta' Investiment (BEI)

Support for female entrepreneurs: Survey evidence for why it makes sense, 2021, 2019

https://www.eib.org/en/publications/online/all/finance-female-entrepreneurs

### 11. Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi OECD

OECD (2015), *In It Together: Why Less Inequality Benefits All*, OECD Publishing, Pariġi, https://doi.org/10.1787/9789264235120-en.

OECD, Combatting Discrimination in the European Union, 2025, https://doi.org/10.1787/29c2c36a-en.

OECD, Over the Rainbow? The Road to LGBTI Inclusion, 2020, Over the Rainbow? The Road to LGBTI Inclusion | OECD.

OECD, 2019, Society at a Glance 2019: OECD Social Indicators, https://dx.doi.org/10.1787/soc_glance-2019-en.

OECD, Gender Equality and Economic Growth: Past progress and future potential, OECD Social, Employment and Migration Working Papers No. 304, 2024, https://doi.org/10.1787/fb0a0a93-en.

OECD, 2024, Education at a Glance 2024: OECD Indicators, OECD Publishing, Pariġi, https://doi.org/10.1787/c00cad36-en.

### 12. Grupp tal-Bank Dinji

Grupp tal-Bank Dinji, 2014, The economic cost of stigma and the exclusion of LGBT people: a case study of India, The economic cost of stigma and the exclusion of LGBT people: a case study of India.

### 13. NU

Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD), 2006.

Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC), 1990

Il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali (ICERD), 1965.

Il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa (CEDAW), 1979.

Id-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing (l-aġenda tan-NU għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa), 1995.

Il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, (Nru 190) (ILO), 2019

### 14. Riżorsi oħra

Open for Business, The 2025 Open for Business City Ratings, 2025, Open for Business City Ratings.

S&P Global, #ChangePays: Although Still Underrepresented, Women in the C- Suite are Driving Profitability, 2019, S&P Global


---